**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 466/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs.**

**Ivan (Ivan-Maria) Hallett**

Illum il-20 ta' April 2021

Il Qorti:

Rat illi tressaq Ivan (Ivan-Maria) Hallett Ivan (Ivan Maria) Hallett ta' 44 sena, bin il- mejet Francis u Frnaces nee Cutajar, imwieled il-Pieta', il-05 ta' Settembru 1971, residenti 28, Flat 1, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 388171(M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt užu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor. ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ežistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila. setgha fuq haddiehor. jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqalt tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn hamest elef euro (Eur5,000), bi hsara tal- VAT Department u jew id-Dwana ta' Malta u/jew il-Gvern Centrali ta' Malta;

2) Talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz;

3) U aktar talli ghamilt xi dikjarazzjoni jew issottomettejt xi dokument jew informazzjoni li, bid-dehen tieghek, tkun falza f'dettall sostanzjali, jew b'mod bla kont ghamilt dikjarazzjoni li tkun falza f'dettall sostanzjali, jew xjentement jew b'negligenza ghamilt jew tajt, jew kont kagun li ssir jew tinghata, xi dikjarazzjoni, dokument jew informazzjoni lid-Direttur Generali tad-Dwana li ma tkunx veru f'xi dettall materjali;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihalls l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

**Fuq Talba tad-Direttur Generali Dwana**

(1) Talli fit-8 ta' Mejju 2015 issottometta dokument, datat 19/12/2014, lill-ufficjal tad-Dwana, li bid-dehen tieghu, kien falz u li ma kienx veru f'xi dettall materjali (artikolu 62 (m) Kap 37)

(2) Talli wkoll fit-12 ta' Novembru 2015, wara tfittxija li saret minn Ufficjali tad-Dwana gewwa mahzen fBelt il-Hażna, il-Blata l-Bajda, instab li xjentement

kellu fil-pussess tieghu u/jew laqa' ghandu, żamm kif ukoll kellu b' xi mod x' jaqsam billi ghin jew assista fil-garr, twarrib, habi jew depożt ta' fliexken ta xorb alkoholiku u xorb iehor bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan ix-xorb (artikolu 62 (f), Kap.37)

a. 436 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa – SMIRNOFF VODKA
b. 92 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa - J&B WHISKY
c. 418 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa – BAILEYS
d. 21 kaxxa b'6 fliexken ta' 100cl kull flixkun fkull kaxxa LIQUORE DI LIMONE
e. 95 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa - MARTINI BIANCO
f. 205 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa - MARTINI ROSSO
g. 2916-il pakkett bi 12-il flixkun ice tea ta' 50cl kull flixkun fkull pakkett SAN BENEDETTO THE'

Dan ix-Xorb fuq imsemmi, li l-importazzjoni tieghu hija pprojbita u/jew ristretta, ghandu Valur, Dazju tas-Sisa dovut kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) kif hawn taht indikat, liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati:

| | Valur | Ammont ta' Dazju | Taxxa fuq il- |
|---|---|---|---|

| | minghajr Dazji/Taxxi il-Valur Mizjud | tas-Sisa | Valur Mizjud |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| A | 11772.00 | 13163.71 | 4488.43 |
| B | 3538.32 | 3002.88 | 1177.42 |
| C | 21945.00 | 5798.50 | 4993.83 |
| D | 945.00 | 376.99 | 237.96 |
| E | 1835.40 | 866.40 | 486.32 |
| F | 2960.6 | 1869.60 | 1049.44 |
| G | 9914.4 | 29.16 | Xejn |
| **TOTAL** | **53910.72** | **25107.24** | **12433.40** |

Dan bi ksur tal-Artikli 60 (a) (b) (c) (e ) (f) (g) (h) (i) (k) (m), paragragu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62, tal-ordinanza tad-Dwana Kap 37, kif ukoll Artikli 16 (1) (j), 17 (1) (a) (d), kif ukoll tar-Regolament 13 tat-Taqsima B fis-Sitt Skeda, tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382, tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fuq Talba tad-Direttur Generali Dwana**

(1) Talli fit-8 ta' Mejju 2015 issottometta dokument, datat 19/12/2014, lill-ufficjal tad-Dwana, li bid-dehen tieghu, kien falz u li ma kienx veru fxi dettall materjali,

(2) Talli wkoll fit-12 ta' Novembru 2015, wara tfittxija li saret minn Ufficjali tad-Dwana gewwa mahzen fBelt il-Hażna, il-Blata 1-Bajda, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew laqa' ghandu, żamm kif ukoll kellu b' xi mod x' jaqsam billi ghin jew assista fil-garr, twarrib, habi jew depożt ta' fliexken ta xorb alkoholiku u xorb iehor bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan ix-xorb:

h. 436 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa – SMIRNOFF VODKA
i. 92 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa - J&B WHISKY
j. 418 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa – BAILEYS
k. 21 kaxxa b'6 fliexken ta' 100cl kull flixkun fkull kaxxa LIQUORE DI LIMONE
l. 95 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa - MARTINI BIANCO
m. 205 kaxxa b'6 fliexken ta' litru kull flixkun fkull kaxxa - MARTINI ROSSO
n. 2916-il pakkett bi 12-il flixkun ice tea ta' 50cl kull flixkun fkull pakkett SAN BENEDETTO THE'

Dan ix-Xorb fuq imsemmi, li l-importazzjoni tieghu hija pprojbita u/jew ristretta, ghandu Valur, Dazju tas-Sisa dovut kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) kif hawn taht indikat, liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati:

| | Valur minghajr Dazji/Taxxi il-Valur Mizjud | Ammont ta' Dazju tas-Sisa | Taxxa fuq il-Valur Mizjud |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| A | 11772.00 | 13163.71 | 4488.43 |
| B | 3538.32 | 3002.88 | 1177.42 |
| C | 21945.00 | 5798.50 | 4993.83 |
| D | 945.00 | 376.99 | 237.96 |
| E | 1835.40 | 866.40 | 486.32 |
| F | 2960.6 | 1869.60 | 1049.44 |
| G | 9914.4 | 29.16 | Xejn |
| **TOTAL** | **53910.72** | **25107.24** | **12433.40** |

Dan ix-xorb fuq imsemmi, li l-importazzjoni tieghu hija prjbita u/jew ritretta, ghandu Valur totali ta' €53910.72, Dazju tas-Sisa dovut u wkoll Taxxa fuq il-VAlur Mizjut (VAT), li jammonta ghal €25107.24 u €12433.40 rispettivament, liema dazju u taxxa ma kienux imhallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxx fuq il-Valur Mizjud.

Rat li fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2017, wara li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat, iddikjara li mhuwiex hati u qed jikkontesta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-14 ta' Jannar 2019 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe'[2]:

a. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikolu 62(m) tal-Kaptiolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikolu 60(a)(b)(c)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m) u l-paragrafu (a) tal-proviso dwar il-piena tal-istess artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 16(1)(j) u l-artikolu 17(1)(a)(d) u r-Regolament 13 tat-Taqsima B taht is-sitt skeda tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 11 ta' Frar 2029, il-Qorti kif kienet diversament ipreseduta, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet

[1] Folio 17 u 18 ta' l-atti processwali
[2] Folio 273 ta' l-atti processwali

nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2020 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti mill-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[5]

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-imputat Ivan (Ivan-Maria) Hallett ipprezentant nhar il-5 ta' Frar 2021 li saret ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fir-rikors kongunt hemm iddikjarat illi l-partijiet qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat Ivan (Ivan-Maria) Hallett ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din il-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' multa ta' hamsa u sebghin elf, tlett mija u wiehed u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (€75,321.72) li terz minn tali multa ergo hamsa u ghoxrin elf, mija u seba' euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€25,107.24) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, kif ukoll ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, u dan oltre l-konfiska tal-oggetti, ossia x-xorb li nqbad bin-nota ta' qbid numru 162/2016, dana fit-termini tal-Kapitolu 9, 37, 382 u l- 406 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz fil-kaz odjern.

[3] Folio 276 ta' l-atti processwali
[4] Folio 288-290 ta' l-atti processwali
[5] Folio 296 ta' l-atti processwali

Fl-istess udjenza tal-5 ta' Frar 2021 l-imputat wiegeb li kien hati ta' l-akkuzi fil-konfront tieghu u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2021.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal Novembru 2015 u fix-xhur ta' qabel meta minn investigazzjoni tal-pulizija u ta' ufficjali tad-dwana instab xorb ta' kuntrabandu li fuqu ma kienx thallas id-dajzu, gewwa hazna kbira, l-Furjana waqt tfitxxija.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni inkondizzjonata ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Il-fedina penali ta' l-imputat Ivan (Ivan-Maria) Hallett li filwaqt li mhijiex netta ma jirrizulta xejn allarmanti jew recenti.
- L-amissjoni ta' l-imputat ma sarirx fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, izda saret fl-istadju tad-difiza tieghu. Madankollu la darba saret fil-mori tal-kawza u qabel l-ghoti tas-sentenza finali, l-ammissjoni, ghalkemm mhux l-aktar bikrija titqies bhala attenwanti favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz.

- Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-partijiet, inkluz l-Avukat Generali dwar il-piena li din il-Qorti ghandha tikkunsidra f'kaz ta' ammissjoni. Din il-Qorti tara li l-piena li giet rakkomandata hija entro l-parametri li tipprovdi l-ligi dwar dan ir-reat kif ukoll tqis li r-rakkomandazzjoni hija ragonevoli tenuti c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara li ma ghandiex raguni valida biex ma tistriehx fuq din ir-rakomandazzjoni u sejra tghaddi sabiex tikkonsidra serjament.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 62(m) tal-Kaptiolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 60(a)(b)(c)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m) u l-paragrafu (a) tal-proviso dwar il-piena tal-istess artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 16(1)(j) u l-artikolu 17(1)(a)(d) u r-

Regolament 13 tat-Taqsima B taht is-sitt skeda tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Ivan (Ivan-Maria) Hallett **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u tikkundannah ghall-piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin millum kif ukoll **multa** ta' hamsa u sebghin elf, tlett mija u wiehed u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (**€75,321.72**) li terz minn tali multa ergo hamsa u ghoxrin elf, mija u seba' euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€25,107.24) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti, ossia x-xorb li nqbad bin-nota ta' qbid numru 162/2016, dana fit-termini tal-Kapitolu 9, 37, 382 u l- 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il-20 ta' April 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**